REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1907

tat-18 ta' Ottubru 2017

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* (KKP/593/p u KKP/788/p) u *Lactobacillus buchneri* (KKP/907/p) bħala addittiv fl-għalf għall-baqar u għan-nagħaġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' żewġ varjanti ta' *Lactobacillus plantarum* (KKP/593/p u KKP/788/p) u ta' *Lactobacillus buchneri* (KKP/907/p). Mal-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Dik l-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* (KKP/593/p u KKP/788/p) u *Lactobacillus buchneri* (KKP/907/p) bħala addittiv fl-għalf għall-baqar u għan-nagħaġ li għandu jiġi kklassifikat fil-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi".

(4) Fl-opinjoni tagħha tal-4 ta' Diċembru 2013 ([2]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* (KKP/593/p u KKP/788/p) u *Lactobacillus buchneri* (KKP/907/p) ma għandhiex effett avvers fuq saħħet l-annimali, saħħet il-bniedem jew fuq l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-preparazzjoni kkonċernata għandha l-potenzjal li ttejjeb il-produzzjoni ta' għalf insilat magħmul minn materjal li jista' jiġi pproċessat f'materjal għall-ħżin f'silos b'mod faċli, b'mod moderatament diffiċli u b'mod diffiċli. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. L-Awtorità vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittiv fl-għalf, fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) L-evalwazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* (KKP/593/p u KKP/788/p) u *Lactobacillus buchneri* (KKP/907/p) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dik il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tal-għalf insilat", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali, soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) EFSA Journal 2014; 12(1):3529.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Nru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					CFU tal-addittiv/kg ta' materjal frisk			
Addittivi teknoloġiċi: addittivi tas-silaġġ								
1k20754	*Lactobacillus plantarum* KKP/593/p *Lactobacillus plantarum* KKP/788/p *Lactobacillus buchneri* KKP/907/p	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* KKP/593/p, *Lactobacillus plantarum* KKP/788/p u *Lactobacillus buchneri* KKP/907/p b'addittiv minimu ta' 1×10^9 CFU/g, bi proporzjon ta' 4:4:1 (*Lactobacillus plantarum* KKP/593/p: *Lactobacillus plantarum* KKP/788/p: *Lactobacillus buchneri* KKP/907/p) *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Ċelloli vjabbli ta' *Lactobacillus plantarum* KKP/593/p, *Lactobacillus plantarum* KKP/788/p u *Lactobacillus buchneri* KKP/907p. *Metodu analitiku* [1] Enumerazzjoni fl-addittiv fl-għalf: metodu tat-tifrix fuq MSR agar (EN 15787). Identifikazzjoni tal-addittiv fl-għalf: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE)	Baqar Nagħaġ	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Il-kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittivi fis-silaġġ: 1×10^8 CFU/kg ta' materjal frisk. 3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tiegħu. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluża l-protezzjoni tan-nifs.	It-8 ta' Novembru 2027

([1]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports